MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2005

Citazzjoni Numru. 124/2003

**Maurice Cristina**

**vs**

***Bank* Centrali ta' Malta**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-attur fil-5 ta' Frar, 2003, li *in forza* taghha, wara li ppremetta illi:

L-attur ilu impjegat mal-*Bank* konvenut sa mis-6 ta' Mejju, 1976 meta gie impjegat fil-grad ta' Skrivan, waqt li gie promoss ghall-grad ta' *Supervisor I* fl-1 ta' Lulju, 1986 u ghall-grad ta' *Supervisor II* fl-24 ta' Marzu, 1988;

F'Ottubru, 1989, wara li l-*Bank* konvenut zamm intervisti ghall-grad ta' *Assistant Executives*, ta promozzjonijiet lil numru ta' *Supervisors* minkejja li r-rizultati tal-intervisti qatt ma kienu thabbru;

Dawn il-persuni li nghataw promozzjoni kellhom anqas *seniority* u kwalifiki mill-attur;

F'Settembru, 1994 l-istess persuni nghataw promozzjoni ohra mill-*Bank* konvenut u b'hekk nghataw il-grad ta' *Executive*;

F'Jannar, 1998 il-*Bank* konvenut rega' ta' promozzjoni lil *Supervisors* b'anqas kwalifiki mill-attur, din id-darba ghall-grad ta' *Assistant Administration Officers* u sussegwentement, f'Marzu, 2001, regghu gew promossi ghall-grad ta' *Assistant Executives* permezz ta' l-amalgazzjoni taz-zewg gradi;

Il-*performance assessment forms* tal-attur dejjem urew kummenti eccellenti izda, ghal ragunijiet mgharufa biss mill-*Bank* konvenut, l-attur ma nghata qatt izjed opportunita' li javvanza fil-karriera tieghu;

L-attur ghalhekk gie effettivament eskluz minn kull promozzjoni minghajr lanqas biss inghata raguni;

L-attur ipprotesta dwar l-agir diskriminatorju tal-*Bank* konvenut kemm personalment u wkoll bl-intervent tal-*General Workers' Union*, izda l-*Bank* konvenut qatt ma ta ragunijiet jew spjegazzjoni ghal dan l-agir;

Skond paragrafu ghaxra (10) tal-ftehim kollettiv *in vigore* bejn il-*Bank* konvenut u r-rapprezentanti tal-haddiema tieghu (Dok MC1), l-istess *Bank* huwa marbut li fl-ghoti tal-promozzjonijiet josserva kriterji ta' *seniority* fil-grad, kwalifiki, mertu, *aptitude*, u esperjenza;

Fl-ghoti tal-promozzjonijiet kif premess il-*Bank* konvenut naqas li jonora tali ftehim billi l-konvenut ma nghatax il-promozzjoni li kienet tisthoqqlu u b'hekk, *oltre* li

kkommetta ingustizzja lampanti fil-konfront tieghu, l-*Bank* konvenut ikkawzalu wkoll danni konsiderevoli;

L-attur interpella ufficcjalment lill-istess *Bank* konvenut sabiex jiehu dik l-azzjoni necessarja sabiex jirrettifika c-cahda ingusta ta' promozzjoni tal-konvenut kif premess, u wkoll interpella lill-istess *Bank* konvenut ghall-hlas tad-danni sofferti, izda l-*Bank* konvenut baqa' inadempjenti;

Talab lill-*Bank* konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja:

1. Tiddikjara li f'Jannar, 1998 il-*Bank* konvenut ta promozzjonijiet lil *Supervisors* b'anqas kwalifiki mill-attur ghall-grad ta' *Assistant Administration Officers*;

2. Tiddikjara li tali agir huwa diskriminatorju fil-konfront ta' l-attur u wkoll bi vjolazzjoni tal-ftehim kollettiv *in vigore* bejn il-*Bank* konvenut u l-haddiema tieghu, inkluz l-attur;

3. Thassar u tannulla l-imsemmi ghoti ta' promozzjonijiet ghall-grad ta' *Assistant Administration Officers* li sehh f'Jannar, 1998;

4. Tiddikjara li l-attur kien jisthoqqlu li f'Jannar, 1998 jinghata l-promozzjoni ghall-grad ta' *Assistant Administration Officer*;

5. Tordna lill-*Bank* konvenut jaghti lill-attur il-promozzjoni ghall-grad ta' *Assistant Administration Officer* b'effett minn Jannar, 1998;

6. Tillikwida z-zieda fil-paga u beneficcji ohra li kienu jispettaw lill-attur relattiv ghall-grad ta' *Assistant Administration Officer* b'effett minn Jannar, 1998;

7. Tikkundanna lill-*Bank* konvenut ihallas lill-attur l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju ta’ Novembru, 2002, kontra l-*Bank* konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni. B’riserva ghad-danni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-*Bank* konvenut li *in forza* taghha ecepixxa illi:

It-talbiet attrici huma infondati kemm legalment kif ukoll fattwalment u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

Il-lanjanzi avvanzati mill-attur huma bazati fuq allegazzjonijiet ingustifikati u bla bazi tant illi l-*Ombudsman* li lejh irrikorra l-attur biex jottjeni decizjoni fuq il-pretenzjonijiet tieghu gew michuda.

*Inoltre* l-attur ma hass il-htiega li jirrikorri lejn it-Tribunal tal-Ingustizzji peress li kien jaf kemm huma fierha l-allegazzjonijiet li qieghed jaghmel.

Dwar it-talbiet avvanzati fl-att tac-citazzjoni l-eccipjent jissottometti:

1) Dwar l-ewwel talba mhux minnu illi inghataw promozzjonijiet lill-*Supervisors* b’anqas kwalifiki mill-attur, tant li l-istess attur ma hass il-htiega li jindika minn huma dawn il-persuni li jirreferi ghalihom.

2) Dwar it-tieni talba anki hawn l-attur naqas li jindika ghal liema vjolazzjoni tal-ftehim kollettiv qieghed jirreferi.

3) Din it-talba hija legalment insostenibili peress li mhux koncepilbili li tintalab annullament ta’ promozzjonijiet ta’ persuni li la huma indikati u wisq anqas parti f’din il-kawza.

4) Ir-raba’ u hames talbiet huma wahda u ghalhekk f’kull kaz l-attur ghandu jbati l-ispejjes taghhom.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-3 ta' Ottubru, 2003, li *in forza* tiegħu inħatret l-Assistent Gudizzjarju, Dr. Claudine Galea, biex tisma' l-provi kollha li jressqu l-partijiet *in konnessjoni* ma' dan il-kaz;

Rat l-inkartament u l-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda mismugha mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat il-varji digrieti moghtija minn din il-Qorti tul is-smiegh tal-provi f'dan il-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-attur hu impjegat mal-*Bank* Centrali ta' Malta, u dan sa mis-6 ta' Mejju, 1976, meta gie impjegat fil-grad ta' skrivan; tul is-snin hu gie promoss ghall-grad ta' *Supervisor II*. F'Ottubru tal-1989, il-*Bank* konvenut zamm intervisti ghall-grad ta' *Assistent Executives*, *pero'*, l-attur ma inghatax din il-promozzjoni ghalkemm, skond hu, uhud mill-persuni li inghataw promozzjoni, kellhom anqas *seniority* u kwalifiki minnu. F'Jannar tal-1998, il-*Bank* Centrali rega' ta' promozzjoni lil diversi *supervisors*, izda hawn ukoll l-attur gie maqbuz u, skond hu, il-promozzjoni haduha uhud li kellhom anqas kwalifiki minnu. L-attur jallega li hu dejjem inghata kummenti favorevoli mis-superjuri tieghu, u c-cahda tal-*Bank* konvenut li taghtih il-promozzjoni li haqqu kienet diskriminatorja u ingusta, u bi ksur tal-Ftehim Kollettiv li jirregola l-kondizzjonijiet tax-xoghol tal-haddiema tal-*Bank*.

Il-*Bank* Centrali ta' Malta jichad dawn l-allegazzjonijiet u jsostni li l-esercizzju tal-ghazla ghal-promozzjoni kienet wahda gusta, skond kriterji stabbiliti u skond il-Ftehim Kollettiv.

Jirrizulta li meta sar l-evaluazzjoni tal-process biex jigu maghzula l-persuni li kellhom jinghataw promozzjoni, intalbu rapporti mill-*managers* li huma superjuri immedjati tal-kandidat, u ohrajn minghand is-superjuri tal-*managers*. Il-*managers* huma l-ufficcjali li jkunu jafu direttament lill-kandidat, fil-waqt li s-superjuri tal-*managers* (imsejha *DGM*) hafna drabi jendorsjaw ir-rapport li jkun ghamel il-*manager*. Dawn ir-rapporti jigu, umbaghad, assessjati minn kumitat (maghruf bhala *EMC* li huwa kompost mill-Gvernatur tal-*Bank* Centrali u d-*Deputy General Managers*) li jaghmel dak li gie deskritt bhala *"a corporate levelling"*. Dan il-*levelling exercise* issir biex jittiehed *in konsiderazzjoni* l-fatt li jkun hemm *managers* li *"they over rate"*, u ohrajn li *"they under-rate"*, u l-iskop hu biex jinholoq bilanc. Dan l-esercizzju jsir ukoll biex tittiehed *in konsiderazzjoni* n-natura tax-xoghol li jwettaq il-kandidat, b'mod li jekk kandidat ikun qed jaghmel xoghol li jinbidel matul is-sena, il-marki tieghu li setghu kienu taht il-medja jigu aggustjati biex dan il-fattur jigi kkunsidrat, fil-waqt li jekk ix-xoghol ta' kandidat iehor ikun aktar fis, u jinghata medja gholja ta' marki, dawn jigu aggustjati l-isfel biex jiehdu *in konsiderazzjoni* l-fatt li dik il-persuna ilha taghmel dak l-istess xoghol ghal-diversi snin.

Hekk, inghata ezempju ta' persuna li bdiet taghmel xoghol relattivament gdid ghaliha fil-*Banking Supervision*, liema xoghol kien tekniku u kien jehtieg certu zmien biex dik il-persuna tilhaq il-livell mehtieg. Persuna ohra, bhal l-attur, min-naha l-ohra, kienet tinghata *custodial duties* li kienu familjari ghaliha b'mod li l-*performance level* tkun wahda gholja malajr. Biex kulhadd jinghata l-istess opportunita' ghal-promozzjoni, jsir *"levelling exercise"* biex hadd ma jkun zvantaggjat bix-xoghol li jkun mitlub jaghmel. Jekk il-*"learning curve"* ta' kandidat tkun baxxa, dan jigi rifless fl-*assessment* li l-kumitat jaghmel tal-*"performance appraisals"* ta' kull kandidat. Hu ammess li dan l-esercizzju jinvolvi certa element ta' soggettivita', *pero'* hu

esercizzju li ilu jsir mill-1993 taht diversi Governaturi tal-*Bank*.

L-ghoti tal-punti lill-kull kandidat isir skond kriterji ta' *assessment* pre-stabiliti. Wara li sar dan l-esercizzju kollu, l-attur gie kwalifikat fis-17-il post, b'marka finali ta' 54.8; dak li gie fl-ewwel post kellu marka finali ta' 69.8.

Qabel ma fetah dawn il-proceduri, l-attur f'Mejju, tal-2001, ressaq l-ilment tieghu quddiem l-*Ombudsman*, *pero'*, dan ikkonkluda fir-rapport tieghu li *"ma stajniex ninvestigaw l-ezercizzju li sar aktar minn sentejn ilu"*. Dan, *pero'*, ikkonferma wkoll *"li ma instabet l-ebda irregolarita' fl-ghoti tal-punti"*.

Din il-Qorti, fl-analizi taghha tal-provi prodotti f'dan il-kaz, tibda' biex tafferma li dak li l-attur irid jipprova mhux li m'hemmx raguni ghalhiex hu ma nghatax il-promozzjoni (negattiv), izda li kien hemm motivi jew konsiderazzjonijiet ulterjuri li waslu biex hu jigi mcahhad mill-promozzjoni (pozittiv).

Agir diskriminatorju ifisser li, f'cirkustanzi simili, persuna responsabbli agixxiet b'mod differenti ma' nies fl-istess sitwazzjoni, b'din id-differenza tkun bazata fuq motivazzjonijiet u konsiderazzjonijiet li jmorru lill-hin mill-iskop tal-esercizzju. F'dan il-kaz ma jirrizultax li l-*Bank* konvenut agixxa fil-konfront tal-attur b'mod differenti milli mexa mal-kandidati l-ohra. Il-valutazzjoni u l-assessment li l-Bord tal-ghazla ghamel tal-*performance appraisals* ta' kull kandidat, ma kienx wiehed diskriminatorju, u sar wara li ittiehdu *in konsiderazzjoni* x-xoghol ta' kull kandidat u z-zmien kemm kien ilu jahdem f'dak ix-xoghol, b'mod li tigi stabbilita l-*"learning curve"* ta' kull kandidat. Hu veru li dan l-esercizzju kien jinvolvi certu assessment soggettiv, *pero'*, ma jirrizultax la li kien hemm *bias* f'xi membru tal-bord tal-ghazla, u lanqas li huma uzaw d-diskrezzjoni taghhom b'mod hazin. Il-valutazzjoni li saret, giet uzata bl-istess mod ghal-kull kandidat, u ma jirrizultax li, fil-konfront tal-attur, il-bord ha *in konsiderazzjoni* fatturi differenti jew li ma kellhomx jittiehdu *in konsiderazzjoni*, u lanqas li ma hax konsiderazzjoni ta' cirkustanzi u fatturi li

proprjament kellu jikkunsidra. Il-*performance appraisals* tal-attur kienu quddiem il-Bord, izda meta sar l-esercizzju ta' *levelling*, il-marki tal-attur nizlu.

Kif inghad dan l-esercizzju ta' *levelling* jinvolvi certu apprezzament soggettiv, *pero'*, ma giex muri li dan l-esercizzju sar b'mod mhux korrett, jew li l-attur gie trattat differenti, fis-sens li kandidat li kien jaghmel l-istess xoghol u tul l-istess zmien, inghata *"learning curve"* differenti. Biex jirrizulta agir diskriminatorju wiehed irid qabel *"like with like"* u l-attur, *kwindi*, irid iqabbel il-posizzjoni tieghu ma' kandidati ohra li, fic-cirkustanzi kollha rilevanti, kienu fl-istess posizzjoni bhal tieghu. L-attur ikkonsidra biss il-kwalifiki u l-*performance levels* tieghu, izda l-*Bank* konvenut kellu jikkunsidra fatturi ohra, anke biex, kemm jista' jkun, il-kandidati kollha jikkompetu *on a level playing-field*, u dan mehud *in konsiderazzjoni* ic-cirkustanzi li x-xoghol fil-*Bank* Centrali ta' Malta hu varjat u fuq livell differenti, anke fuq bazi ta' teknika.

Il-paragrafu 10 tal-Ftehim Kollettiv, fil-fatt, jelenka hames kriterji li l-*bank* ghandu jikkunsidra fl-ghoti ta' promozzjoni: dawn huma *seniority* fil-grad, kwalifiki, mertu, *aptitude*, u esperjenza. Peress li x-xoghol fil-*Bank* hu varjat u certu xoghol jinbidel regolarment, biex il-kriterji ta' *aptitude* u esperjenza jigu valutati korrettament, irid isir certu *"levelling out"* tal-*performance appraisals* tal-kandidati. Ma jirrizultax li l-attur gie *singled out* minhabba li kien membru ta' xi ghaqda jew minhabba l-fehmiet politici tieghu; ma giex muri li kien hemm xi motiv ulterjuri fil-*grading* tal-kandidati, jew li *bank "qabad"* mal-attur fuq xi haga li m'ghandhiex x'taqsam max-xoghol tieghu.

L-awtur <u>Michael Whincup</u> fil-ktieb *"Modern Employment Law"* (6th Ed., 1990) jghid *a pagna* 37 li:

*"No law could be passed, or if passed, enforced, to campel employers to select people for work on their own merits, or to give preference in training and promotion to those who most deserve it. <u>These are and must be basically questions of individual judgement.</u> In some situations the judgement is that of the employer, in others*

*that of the union… In practice closed shop or other collective agreements may enable the union to decide who is taken on or to insist that promotion shall be by seniority rather than ability. The law can do little or nothing about these particular set of values"*.

Fil-kaz *in ezami*, il-Ftehim Kollettiv jirreferi ghal-hames kriterji li tnejn jew tlieta minnhom jinvolvu zgur apprezzament soggettiv. L-esercizzju, ghalhekk, kien jinvolvi *"questions of individual judgement"*, u la darba ma irrizultax li dan il-gudizzju gie ezercitat b'mod *"hazin"*, l-istess esercizzju ma jistax jigi attakkat jew mhassar.

Il-Qorti, *kwindi*, ma tistax taccetta li l-attur ipprova l-kaz tieghu, u t-talbiet tieghu ma jistghux, ghalhekk, jigu milqugha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjes tal-kawza kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------